**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 48

L-Erbgħin u erbgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2022 fis-6pm ġo sala ġewwa l-Każin Filarmonika Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsilliera |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Kevin Wain | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principle Assistant Officer |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fil-5.15pm:*

*48.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 47;*
*48.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*48.4 Co-Option Council Member*
*48.5 Audit 2020*
*48.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*48.7 Rapporti;*
*48.8 Noise Pollution*
*48.9 Items Oħra ;*
*48.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*48.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*48.12 Mozzjonijiet ;*
*48.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 48.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

48.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsillieri P.Portelli, K.Wain u I.Fenech talbu biex ikunu skużati. Kien hemm qbil..

## 48.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 46

48.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 46 intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier E.Borg ppropona li l-Minuti jiġu approvat. Il-Viċi Sindku issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti ġew approvati. *Approvazzjoni tal-Minuti 47*

48.2.2 B'referenza għall-proġett tan-niċċeċ [punt 47.2.5], il-Viċi Sindku qal illi l-kuntrattur għandu jibda u se jaħdem b'sett ta' erba' niċċeċ kull darba. Is-Sindku rringrazzjah għax-xogħol li qed jagħmel sabiex isir ix-xogħol. *Niċċeċ*

**Il-kunsilliera V.G.Pace daħlet għall-ħabta ta' 17:20**

48.2.3 B'referenza għall punt 47.2.7 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur ordna t-tabelli sabiex isir din il-bidla. *Għar il-Lembi*

48.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma [ref punt 47.7.2] illi klieb jistgħu jgħumu kullimkien barra fiż-żoni tal-għawm. *Dog friendly beaches*

48.2.5 B'referenza għal punt 47.7.2 is-Sindku qal illi saret rapport mill-Heritage dwar il-monument ta' triq Bisazza, wara li ġiet ikkummissjonat mill-Ministru Onor. Dr. Zrinzo Azzopardi. Is-Sindku rringrazzja lill-Ministru għall-assistenza u issa se jara jekk ix- *Monument: Bisazza*

xogħolijiet meħtieġa se jsiru mill-Heritage. Żied illi se jipproponi lil Heritage biex jagħmlu izjed statwi ta' artisti Slimiżi fil-lokalita.

*Outdoor Gym: Qui Si Sana*

48.2.6 B'referenza għal punt 47.7.12, is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li intbagħtet l-applikazzjoni għall-fondi ta' DPF.

*Noise Pollution*

48.2.7 B'referenza għal punt 47.6.1, is-Sindku qal illi llum attenda każ il-qorti dwar l-istorbju u qal illi jixtieq illi nibnu aktar fuq il-każ u oħrajn simili tagħha.

*Xogħolijiet: FTZD*

48.2.8 B'referenza għal punt 47.7.3, is-Sindku qal illi saret laqgħa mall-FTZD u CMD, fejn kien hemm ftehim illi se jinbidlu għaxar poġġamani izda wara rċevejna korrespondenza mingħand l-FTZD li dawn ix-xogħolijiet għandom isiru wara s-sajf. Is-Sindku esprima li kien iddispjaċut ħafna meta ra li xogħolijiet simili xorta kienu qegħdin isiru fil-lokalita tal-Imsida.
Żied illi f'laqgħa separata mall-Onor. Clayton Bartolo, il-Ministru wiegħed illi l-fanali se jinbidlu u li qegħdin jaħdmu fuq tender minn naħa tal-Ministeru.

*Attivita: Sqaqien*

48.2.9 B'referenza għal punt 47.7.7, il-kunsillier D.Muscat informa li l-attivita tressqet għal nhar l-10 ta' Settembru.

*Pragmatic Solutions*

48.2.10 Il-kunsillier W.V.Baldacchino kkonferma li l-kumpanija Pragmatic Gaming jixtiequ jagħtu xi ħaġa lura lill-kommunita bħala parti mis-CSR. Bihom għanda ssir l-outdoor gym ta taħt it-Torri. Qal illi l-Kunsill se jkollu joħroġ ftit fondi wkoll sabiex jitlesta x-xogħol. Kien hemm qbil.

## 48.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

48.3.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni.

## 48.4 CO-OPTION

48.4.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-co-option tas-sur Tony Galea biex jimla s-siġġu vakanti tal-ex Sindku, Onor Graziella Attard Previ. Kien hemm qbil.

**IL-LAQGĦA ĠIET SOSPIŻA FIS-17:35 MALL-WASLA TAS-SUR GALEA U TAL-KUMMISSARJU TAL-ĠUSTIZZJA.**

**IL-LAQGĦA TKOMPLIET FIS-17:44**

**FI-17:44 daħal l-accountant tal-Kunsill, is-sur Christian Vella.**

**48.5 AUDIT 2020**

48.5.1 Is-sur Vella informa li fi Frar 2021 il-Kunsill kien approva l-abbożż finanżjarju għas-sena 2020 imma sfortunatament l-audit issa ingħalaq. Qal illi llum hemm bzonn napprovaw l-aġġustamenti, fejn hemm biddliet minimi. Meta dawn jiġu approvati, l-awdituri se jibagħtu l-Management Letter uffiċjali. Aġġustamenti: 2020

48.5.2 Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-aġġustament jiġu approvati. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ.

48.5.3 Intbagħtet presentazzjoni dwar is-sena finanżjarja 2021. Is-sur Vella ta dettalji dwar is-sena finanzjarja. Il-kunsillier D.Muscat ippropona l-approvazzjoni tad-dokument. Il-Viċi Sindku ssekondaħ. Sena Finanżjarja 2021

**Waqt il-presentazzjoni daħal il-kunsillier P.Radmilli għall-ħabta ta' 19:00**

48.5.4 Is-sur Vella qal illi l-FSI tal-Kunsill qegħda 109% u bħala likwidita qegħdin f'stat tajjeb. Żied ukoll illi fis-sena finanżjarja 2021 jidher illi hemm telf minħabba l-ispejjez fuq il-Fairy Lights. Din ġiet written-off bil-qbil tal-Kunsill, izda fakkar illi dawn il-flejjes intefqu madwar tlettax- il sena ilu.

**Fit-19:20 meta ġew diskussi d-dokumenti kollha marbutin mall-audit, is-sur Vella rringrazzja lill-Kunsill. Il-Kunsill irreċiproka l-irringrazzjament.**

**48.6 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

47.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa illi ma rċieva l-ebda mistoqsijiet qabel il-laqgħa.

## 48.7 RAPPORTI

48.7.1 Is-Sindku qal illi jixtieq jirċievi rapporti reali u mhux l-istess jiffokaw biss fuq l-ilmenti li jaslu mill-Kunsill. Bħala eżempju qal illi l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart wed jibda izjed kmieni għalhiex ġie informat mill-WasteServ illi se jagħlqu s-sit fid-9:30pm. Ġie informat ukoll mingħand WasteServ illi l-kuntrattur kien qed jieħu ż-żibel l-għada tal-ġabra. B'hekk jippretendi li l-Contracts Manager ikunu għasa tal-kuntrattur u jara jekk qed imur wara l-ġabra biż-żibel. Ġbir tal-iskart

Il-Viċi Sindku ppropona li ssir pilot study fejn naraw x'jiġri jekk il-kuntrattur jibda jiġbor fis-6pm minflok fis-7pm. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-ħin tal-ġbir tal-iskart għanda tkun stipulata fil-liġi. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi provi bħal din ma tistax isir mingħajr ma jkun hemm kommunikazzjoni ċara man-nies.
Il-proposta ma kinitx aċċettata.

### 48.8 SCOOTERS

48.8.1 Is-Sindku qal illi l-iscooters għandom il-kapaċita biex jagħmlu ġid peress illi joffru trasport alternattiva li ma tħammiġx l-arja u jgħinu fit-tnaqqis ta' traffiku. Izda l-problema tibqa li qegħdin jintużaw biss għall-gost.
Ippropona li ssir zona fuq il-promenade li tkun għall-iscooters. Il-kunsillier W.V.Baldacchino issuġerixxa *designated parking areas.*
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi s-sena l-oħra ma kienx hemm qbil fuq dawn il-parking areas peress illi l-iskop kien sabiex ma jitħallewx isuqu fuq il-promenade. Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal illi xorta għadom jintużaw fuq il-promenade u n-nuqqas ta' infurzar mhix tgħin.

48.8.2 Il-kunsillier W.V.Baldacchino issuġerixxa wkoll illi ssir speedometer.

48.8.3 Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa ma' TM, LESA u l-pulizija dwar l-iscooters.

48.8.4 Kien hemm qbil dwar is-suġġerimenti kollha hawn fuq.

48.8.5 Il-Viċi Sindku ppropona li nagħmlu karti fuq il-Promenade biex ninotifikaw lil dawk illi jużaw l-iscooters biex ma jħallux l-iscooters ipparjati hemm.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil illi l-laqgħa titkompla.**

**48.9 ITEMS OĦRA**

48.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li x-xogħol fuq il-monument ta' Vincent Apap tlestiet u għad jonqos data għall-inawgurazzjoni sabiex il-Kunsill jaħseb għall-engraving u l-irħama. Kien hemm qbil illi ssir f'Awwissu.

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi peress illi għadda ħafna zmien, ma tantx tagħmel sens illi jkun issir inawgurazzjoni u fakkar ukoll dwar l-urġenza sabiex isir il-plakka li turi li l-proġett kien iffinanzjat mid-DPF.

48.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li la ma waslitx għandu l-lista għall-BIS, saret laqgħa bejnhu, is-Sindku u l-ERA fejn l-ERA iddijaraw li jifhmu l-problemi tal-Kunsill, izda li fl-istess ħin għandna nkunu konxji tal-liġi. Tressqet suġġeriment biex isir BIS doppja ftit qabel il-konfini mall-Gzira. Kien hemm qbil unanimu.

48.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li ssir internal call għall-pożizzjoni ta' Executive Officer, Skala 13. Kien hemm qbil unanimu.

48.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rigward it-tender tal-Projects Manager, fejn il-Kunsill qed jibbenfika mill-fondi grazzi għal Norway Grants, evalwatur ma għalaqx ix-xogħol u għalhekk irċieva suġġeriment sabiex jinbiddel l-evalwatur. Il-Viċi Sindku ġie maħtur bħala l-evalwatur il-ġdid.

48.9.5 Il-kunsillier D.Muscat qal illi waqt iz-zjara ġewwa Bialystok ġie diskuss il-possibilita li jiġu entertainers minn Bialystok għall-okkazzjoni ta' Ġieħ Tas-Sliema. Kien hemm qbil.

**Il-kunsillier D.Muscat kien talab qabel il-laqgħa biex ikun skużat għall-ħabta ta' 20:30 minħabba impenji tax-xogħol. Fit-20:35 talab li jkun skużat u kien hemm qbil.**

48.9.6 Il-Viċi Sindku nforma li l-Kunsill se jibbenifika minn €14,000 fondi biex isir attivita kulturali. Dan wara li tlabna madwar €25,000. L-attivita kella ssir fis-16 u 17 ta' Settembru izda ppropona li ssir ġurnata waħda minnhom biss la ħadna inqas fondi. Wara

diskussjoni kien hemm qbil illi xorta jsir fuq jumejn u l-kunsill juża fondi minn tiegħu.

**Fit-20:40 il-kunsillier E.Borg u W.V.Baldacchino ħarġu mill-kamra.**

48.9.7 Il-Viċi Sindku qal illi wassalna biex nibdew nippjanaw għat-tieni fażi tal-proġett fuq in-niċċeċ.

48.9.8 Il-Viċi Sindku qal illi resident barrani li jagħmel xogħol tas-snajja qal illi jixtieq jagħmel xogħol ta' restawr biex jagħti xi ħaġa lura lill-komunita. Għamel talba biex jekk xi ħadd ikollu idea sabiex jinformaħ.

48.9.9 Il-Viċi Sindku ressaq talba biex iz-zebra crossing ta' Imrabat isir traffic lights. Kien hemm qbil.

48.9.10 Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li jsir zebra crossing fejn id-Drug Store. Kien hemm qbil.

48.9.11 Il-Viċi Sindku qal illi resident ta' Nazzareno Court għamlu talba biex isir No Parking fejn il-Mint sabiex ikun hemm aċċess għad-djar tagħhom f'każ ta' emerġenza. Din ġiet irrifjutata.

48.9.12 Il-Viċi Sindku semma dwar resident ta' triq Parisio li fil-passat kien ressaq suġġeriment sabiex tinxtara l-propjeta ta' ħdejh biex tintuża għall-skopijiet pubbliċi. Is-Sindku qal illi m'hemmx x'taqta dwar il-każ u hu mhux qed jirrispondi lil persuna peress illi m'għandna l-ebda kontroll fuq dak illi jsir fuq propjeta ta' ħaddieħor.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi t-talba kienet biex ikun hemm kontrol fuq it-taraġ eżiztenti u mhux fuq il-propjeta kollha.

**Il-kunsilliera E.Borg u W.V.Baldacchino daħlu lura fid-20:55**

48.9.13 Il-Viċi Sindku irċieva talba sabiex insemmu triq wara ex-plejer tat-tenis, Delicata. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi l-Kunsill jista jagħmel talba lill-istreet naming committee li jieħdu d-deċiżjoni.

48.9.14 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-bozza li hemm Depiro ma St. Francis. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din hija ta' EneMalta u rrispondew illi jiġu meta jkun hemm ammont ta' bozzoz li għandom isiru. Qal illi kien involva lil AKL fil-korrespondenza peress illi kienet qed toħloq

inkonvenjenza għalina li kull darba nistennew, u l-korrespondenza intbagħtet ukoll lis-CEO ta' EneMalta.
Fil-frattemp EneMalta qalu li din il-bozza ssewwiet izda sirna nafu li mhix tixgħel.

48.9.15 Il-kunsilliera V.G.Pace staqsiet dwar il-monument ta' Tony Nicholl. Is-Segretarju Eżekuttiv qal kulħadd jaf bil-problemi li kien hemm. Is-Sindku kkonferma li qed ikellem ma kumpanija biex isir il-bażi bħala CSR.

48.9.16 Il-kunsillier V.G.Pace staqsiet ukoll dwar iz-zebra crossing ta' quddiem l-Imperial u biex din ma ssirx quddiem it-taraġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal diġa hemm indikat fejn se ssir u mhix quddiem it-taraġ.

48.9.17 Il-kunsillier V.G.Pace qalet illi saret ħarġa għall-anzjani ġewwa l-Imperial izda sfortunatament ma tantx ġew nies.

48.9.18 Il-kunsillier J.Dougall staqsa jekk hemm update dwar il-proġett ta' Sliema Aquatics Sports Club. M'hemm xejn ġdid.

48.9.19 Il-kunsillier J.Dougall staqsa dwar il-proġett dwar il-kontroll tal-ħamiem. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bdejna bix-xogħolijiet. Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi kella ssir vidjo qasir dwar il-tlett inizjattivi li saru/qegħdin isiru mill-Kunsill sabiex tiġi indirizzata din il-problema tal-ħamiem.

48.9.20 Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi fi Frar kien hemm approvazzjoni fuq lista ta' proġetti li kellom isiur u l-kunsilliera li kienu se jkunu qegħdin jieħdu ħsieb dawn il-proġetti. Qal illi bi tibdil fil-Kunsill hemm bzonn nirrevedu l-lista. Kien hemm qbil.

48.9.21 Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi għall-proġett tal-Community Gardening ħadna €100,000 izda se jkun hemm bzonn co-finaning. Mill-€100,000 il-kunsill għandu joħroġ 15%. Il-co-financing fund maħruġ mid-DLG toffri l-lok illi nieħdu lura 90% mill-15% li l-Kunsill ikollu joħroġ.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill japplika għal co-financing fund. Il-Kunsill approva wkoll illi tintbagħat il-modication letter bi BoQ il-ġdida sabiex isir l-emmenda għall-proposta oriġinali tagħna.

48.9.22 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi xi ħadd avviċinaħ bi stedina għal Turkija fejn jistgħu jmorru 3 membri tal-Kunsill. Se tinbagħat korrespondenza sabiex naraw min hu interessat.

48.9.23 Il-kunsillier D.Soler staqsa fix-ħin jinġabar il-borża s-sewda nhar ta' Ħadd. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfera li fid-9am jibdew.

48.9.24 Il-kunsillier D.Soler staqsa x'qed isir dwar l-iskips fuq il-Promenade. Is-Sindku qal illi l-ewwel u qabel kollox hemm bzonn insibu mezz biex jarmu mingħajr problema.

48.9.25 Il-kunsillier D.Soler staqsa jekk il-permessi qegħdin joħorġu online. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li qegħdin joħorġu online via s-sistema li għanda tintuża minn kull Kunsill Lokali.

48.9.26 Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal illi hemm interess kbir fil-klassi tal-Pilates u issa hemm 2 klassijiet illi qegħdin isiru kull nhar ta' Tlieta.

48.9.27 Is-Sindku ssuġerixxa li jsir xogħol fuq il-Playing Field ta' Margaret Mortimer peress illi ma nafux x'se jiġri bil-proġett tal-Car Park. Kien hemm qbil illi jsiru ftit xogħolijiet.

48.9.28 B'referenza għal punt 48.9.27, il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi sabiex isir Public Private Partnership irid ikollna approvazzjoni mill-Ministru tal-Finanzi u tal-Ministru tal-Gvern Lokali għaldaqstant ssuġerixxa li toħroġ tender biex isir audit mill-Big 5 u mmorru biha għand il-Ministru tal-Finanzji.

48.9.29 Is-Sindku rringrazzja lill-awtoritajiet li ħadu l-problema tad-drenaġġ ġewwa Qui Si Sana bis-serjeta. Kien hemm problemi bil-connections privati.

48.9.30 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li inħarġet sejħa rigward il-ħasil tat-toroq. Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi dawn l-€20,000 fondi li għandna għandom jintefqu qabel l-aħħar tas-sena. Fakkar ukoll illi kien hemm deċiżjoni fil-bidu ta' din il-leġislatura li l-abbozz ta' kull sejħa għanda tiġi ċċirkolata mall-kunsilliera li huma involuti fis-suġġett u f'dan il-kaz ma sarx hekk. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan ma kienx il-każ peress illi wara li għamel riċerka fuq power-washes, sar jaf illi ma jista jintuża l-ebda kimika u t-tender spiċċat ħarġet b'mod sempliċi, u kien hemm bzonn jirbaħ il-ħin sabiex nevitaw il-perjodu tas-shut-down u sabiex ix-xogħol tinbeda.

48.9.31 Il-kunsillier P.Radmilli ssuġerixxa li meta joħorġu RWP's , noħorġu terminu ta' mill-inqas tlett xhur jew iktar, skond il-każ. Kien hemm qbil.

48.9.32 Il-kunsillier P.Radmilli staqsa dwar il-fondi tar-Reġjun u talab illi l-informazzjoni tiġi ċċirkulata b'emajl. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li s'issa ma kien hemm l-ebda korrespondenza uffiċjali.

**48.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

48.10.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti

**48.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

48.11.1 Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu.

**48.12 MOZZJONIJIET**

48.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda mozzjoni.

**48.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

Is-Seduta ntemmet fl-22:40. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 24 ta' Awwissu 2022 fis-6pm

Minuti approvati llum 24 ta' Awwissu 2022

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**John Pillow**
**Sindku**

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**